



Brussell, 12 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8750/1/21
REV 1

SOC 271
EMPL 200

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni (Parti 1)/Kunsill

Suġġett: Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-Xogħol
Ħatra tas-Sur Sabin RUSU, membru għar-Rumanija, minflok is-Sur Adrian MARIN, li rriżenja

1. Is-Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Adrian MARIN, bħala membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni msemmija hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tat-trade unions (għar-Rumanija).
2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jiastabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75, il-membri tal-Bord tat-Tmexxija jinhā mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, l-organizzazzjoni tat-trade unions KETU nnominat lill-kandidat li ġej għal dan is-siġġu għall-bqija tal-mandat attwali, li jintem fil-31 ta' Marzu 2023:

Is-Sur Sabin RUSU
Democratic Trade Union Confederation (CSDR)
Place Walter Maracineanou 1/3
PO Box 1-788
RO - BUCHAREST
Tel: + 40 213 102 080
Gsm: + 40 740 038 719
e-mail: sabin.rusu@eesc.europa.eu & secretariat@csdr.ro

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanent huwa mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill:

- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, u
- (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

DEĊIJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru tal-

Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-Deċiżjoni tiegħu tad-9 ta' April 2019², il-Kunsill ġatar lill-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-Xogħol għall-perijodu mill-1 ta' April 2019 sal-31 ta' Marzu 2023.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Adrian MARIN, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tat-trade unions.
- (3) L-organizzazzjoni tat-trade unions KETU nnominat kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74.

² ĠU C 135, 11.4.2019, p. 1.

Artikolu 1

Is-Sur Sabin RUSU huwa b'dan maħtur membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol minflok is-Sur Adrian MARIN, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fī

Għall-Kunsill

Il-President

=====